

Brussell, 20 ta' Frar 2020
(OR. en)

6035/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0027(NLE)

AVIATION 20
RELEX 116
CLIMA 29

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kunsill tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, fir-rigward tal-adozzjoni tal-Emendi għal għadd ta' Annessi tal-Konvenzjoni ta' Chicago

1. Fit-12 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, fir-rigward tar-reviżjoni tal-annessi tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali.
2. Il-proposta msemmija hawn fuq ġiet eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni fit-13 ta' Frar 2020. Id-delegazzjonijiet esprimew l-appoġġ ġenerali tagħhom għall-proposta u l-pożizzjoni rakkomandata tal-UE u għamlu kummenti. Abbażi ta' dan, il-Presidenza ħejjiet it-testi ta' kompromess kif jinsabu fid-dokumenti 6001/20 (rivedut mill-ġuristi lingwisti) u 6180/20.

3. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u soġġett għal konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden jadotta d-deċiżjoni kif tinsab fid-dokument 6001/20 u japprova l-pożizzjoni rakkomandata tal-UE li tinsab fid-dokument 6180/20 f'waħda mis-sessjonijiet tiegħu li jmiss, sabiex tkun tista' tintuża bħala bażi għall-interventi tar-rappreżentanti tal-Istati Membri tal-UE li huma membri tal-Kunsill tal-ICAO fil-laqgħat tiegħu li jmiss.
4. Il-Parlament Ewropew ser jiġi informat dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill ladarba din tiġi adottata.
